**KUNSILL LOKALI IR-RABAT (KLR)**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**MINUTI TAT-TIELET LAQGĦA (03)**

**l-Erbgħa, 24 ta' Lulju 2019 fis-6.00 pm** — Data u ħin

**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

Attendenza

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| Assenti: | Dr Karl Muscat | Kunsillier |

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat ma nżammitx kif skedat nhar is-7 ta' Awwissu 2019 għaliex is-Sindku ra li kien hemm materji urġenti li ma setgħux jistennew sa dak in-nhar.

Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm u kienet ippreseduta mis-Sindku.

03.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji u t-talba** — Qari tal-ittri ta' apoloġija u talba tal-bidu

Ma kienx hemm.

Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-kunsillieri qalu t-talba flimkien.

03.02 **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (2)** — Minuti

Is-Sindku għadda xi emendi fuq il-minuti li kienu meħuda bħala moqrija u dawn ġew approvati bl-emendi proposti wara li kienu mressqa għall-vot mis-Sindku u ssekondati minn Ian Vassallo u approvati unanimament. Kien hemm osservazzjoni tas-Sindku biex wara kull biċċa xogħol proposta jkun hemm l-inkarigu tal-kunsillier/persuna responsabbli minnha.

03.03 **Nominazzjonijiet għall-Ġieħ ir-Rabat 2019** Ġieħ ir-Rabat 2019

Għal Ġieħ ir-Rabat 2019 kienu nominati l-koppja is-Sur Anonio u s-Sra Marlene Mizzi. Huwa kien imħallef u hija kienet Membru Parlamentari Ewropew. Il-KLR xorta hu favur illi jingħata unur wieħed pero' ċ-ċirkustanzi kienu tali illi dawn temmew minn dan l-irwol flimkien u jistħoqqilhom għaldaqstant żewġ midalji.

Kienu approvati b'mod unanimu rikonoxximenti oħra fosthom

- Sindku/kunsillieri uxxenti: Sur Charles Azzopardi, is-Sur Stephen Borg, is-Sur Andrew Mallia, is-Sur Paul Grech u s-Sur Peter Paul Azzopardi.
- Clint Zahra minħabba l-abbilita' tiegħu biex jgħin persuni billi jivvinta *prosthesis* fejn persuni saħansitra mingħajr id waħda, issa qed isuqu mutur.
- Emanuel Genovese u Rita Agius Genovese għall-kontribut tagħhom biex żammew ħaj il-passatemp tal-bini tal-presepji.
- Charlie Camilleri għall-kontribut siewi tiegħu fl-Isports.
- Nazju Cassar (aktar minn 25 sena servizz fil-Kunsill) qed ikun ikkunsidrat illi jingħata mertu mill-President ta' Malta.
- midalja lit-tfal kollha tan-Nursery tar-Rabat Ajax għaliex dawn kellhom l-opportunita' li jmorru 'l barra minn xtutna.

F'dan il-waqt intqal illi se jintbgħat programm/stedina fid-djar Rabtin kollha u s-Sinjuri Doris Coleiro u Rudolph Grima qed jaħdmu fuq id-dettalji tal-programm tas-serata.

Christopher Farrugia qal illi nhar l-1 ta' Settembru se jkun hawn fostna il-*Blood Mobile Unit* u għaldaqstant se naraw illi kulħadd ikun jaf ukoll b'din l-inizjattiva li kienet proposta mill-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u ssemmiet nhar it-23 ta' Lulju 2019 f'laqgħa li kellu l-KLR.

03.04 **Mistoqsijiet u Tweġibiet**

Għall-mistoqsija fl-aħħar laqgħa dwar kemm ġiet tiswa' l-latrina ta' Triq Santa Rita, is-SE qal illi din swiet kważi €36,000. Is-Sindku qal illi fl-ideja tiegħu il-latrina ġiet *expensive* meta wieħed jikkunsidra li kien hemm spazju fejn tikber aktar, u dan ma sarx.

Il-Viċi Sindku dwar il-propost *chair lift* fil-Muniċipju qal illi tkellem maċ-Ċermen tas-CRPD u dan infurmah illi hemm proċess ta' kif għandek tagħmel biex huma joħorġu l-approvazzjoni tal-istallar ta' *chair lift* flok *lift*. Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx lok kif barra (fuq il-bankina) jsir ukoll aċċessibbli. Dan fid-dawl illi jeżistu wkoll *platforms* li jidħlu taħt l-għatba. F'dan il-waqt is-Sindku qal illi rridu nagħmlu talba lill-*Good Causes Fund,* kif ikollna l-istimi f'idejna.

Is-Sindku qal illi bdejna naħdmu biex nimmeljoraw il-binja tal-Kunsill. Infatti ittieħdet id-deċiżjoni sabiex nirriattivaw il-pjanti li kienu approvati mal-MEPA fl-2009. Hu spjega fejn kienu ġejjin l-uffiċini u l-kamra li fiha jinżammu is-

seduti, filwaqt li qal illi se jiltaqa' mal-Perit Charles Buhagiar dwar dan. Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-kunsillieri sabiex jinbidlu l-galleriji u l-aperturi li wħud minnhom se jaqgħu fuq xi ħadd minħabba l-istat ħażin li jinsabu fih.

Is-Sur Sandro Craus qal illi hu tal-ideja li nkomplu naħdmu fuq binja oħra fid-dawl illi l-Gvern Ċentrali bħala policy, qed ifittex li fl-ibliet li jimmaterjalizza l-kunċett ta' *one stop shops* li dan jista jkun integrat fil-Binja tal-Kunsill.

Dwar is-sotto kumitat tal-Kultura, kien hemm klarifika – Dan se jkun iċċerjat minn Rudolph Grima.

**03.11** Is-Sur Sandro Craus talab lis-SE sabiex l-iskeda tal-pagamenti tibda' titpoġġa aktar 'il fuq fuq l-agenda u ppropona tibdil fl-ordni ta' xogħol biex din tkun ikkunsidrata f'dan il-waqt. Kien hemm qbil unanimu.

L-iskedi tal-pagamenti flimkien ma' l-iskedi tax-xogħlijiet kienu approvati. Intant saret referenza għall-*overtime* tal-handy man innutat fuq skeda 294 Item 11681. F'dan il-waqt intqal illi nistgħu nimpjegaw lil ħaddieħor u l-KLR iħaddem tnejn u jkunu shift kontra xulxin. Kien deċiż illi jinqata' l-*overtime* u dan isir *on call* u l-*handyman* irid idaħħal rapport ta' kull biċċa xogħol żejda/extra. Kien hemm qbil illi l-ordnijiet tax-xogħol jingħataw biss mis-Sindku u s-SE.

Kien hemm rimarka għal kemm qed jintefaq diesel fix-xahar skont l-iskeda tal-pagamenti numru 294 item 11659. Dwar dan is-SE qal illi qed jintefaq €80 kull ġimgħa minkejja li l-kont jirrifletti konsum mifrux fuq medda aktar twila ta' żmien.

03.05 **Talba għal żieda fil-kirja tal-garage tal-Kunsill għal €400 fix-xahar** Garage tal-Kunsill

Peress li s'issa m'għandna l-ebda' alternattiva, l-KLR se jara jekk is-sid iridx ibiegħu.

03.06 **Terminazzjoni tal-kuntratt għall-*Upkeep and Maintenance of Soft Areas, Parks and Gardens using Environmentally Friendly Measures RLC/T/0158/17.*** Kuntratt tas-*Soft Areas*

Is-Sindku informa lill-kunsillieri illi qed inħejju biex toħroġ l-offerta pubblika u qed nesploraw kif ir-Rabat jerġa' jkun maqsum fuq zoni differenti possibilment kuntratt *in lots*. Hawn kien diskuss id-diffikultajiet tal-konok tas-Saqqajja flimkien mas-siġar il-kbar, il-*culverts* li qed jimblukkaw ruħhom bl-għeruq tas-siġar u l-ħtieġa li jitnaddfu mid-Dipartiment Indafa Pubblika u l-proposta li l-konok jiddawwru bil-ħadid (poġġaman).

03.07 **Kunsiderazzjoni ta' RLC/T/0174/18 – Proposta ta' Ħinijiet ġodda tal-ġbir tal-iskart bieb bieb.** Tender tal-Ġbir tal-iskart

Kienu approvati il-ħlas ta' €31,000 sabiex il-kuntrattur jibqa' jiġbor l-iskart kif qiegħed jagħmel wara diskussjonijiet twal bejn il-kuntrattur u l-KLR fil-preżenza tal-*Contract Manager* filwaqt li l-proposta tal-bdil tal-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart bil-lejl kienet irtirata. Dawn id-diskussjonijiet se jissuktaw il-ġimgħa d-dieħla biex jitnaqqsu d-diffikultajiet tal-ġbir tal-iskart.

03.08 **Ħatra ta' Editur/i, Amministratur/i tal-Media soċjali tal-*Kunsill Lokali Rabat Malta.*** Amministraturi Kunsill Lokali Rabat Malta

Kien deċiż illi l-amministtraturi tal-facebook page *Kunsill Lokali Rabat Malta* jkunu is-Sindku, is-Sur Christopher Farrugia u s-SE.

03.09 **SPI/SCI/12/2019 Skema dwar Restawr ta' Postijiet u Monumenti Storici f'Malta Deadline 30.8.19** Postijiet u Monumenti Storiċi fir-Rabat

Kien deċiż li napplikaw għal din l-iskema ta' restawr biex isir ix-xogħol fuq l-Għajn ta' Għajn Qajjet li għandha is-saqaf tagħha qed iċedi u l-ilma qed imur għand in-nies. Il-kunsillieri qablu wkoll li rridu nikkunsidraw ir-restawr tan-niċċa ta' San Pawl tas-Saqqajja, il-Kappella tas-Sanċir li waqgħu partijiet minnha, il-Kappella tal-Kunċizzjoni li dieħel l-ilma tax-xita fiha u l-monument ta' San Ġużepp fejn id-*Domus Rumana.* Fuq uħud minn dawn is-siti, hemm diversi entitajiet kif ukoll l-Arċikonfraternita' ta' San Ġużepp li qed jaħdmu biex jakkwistaw fondi u jikkummissjonaw ir-restawr.

03.10 **Lukanda Verdala – Notifika ta' pjanti ġodda** Lukanda Verdala

Kien propost sabiex nistiednu lill-iżviluppatur/i siegħa qabel il-laqgħa li jmiss tal-KLR ħalli jagħtina spjegazzjoni u qed ikun ikkunsidrat illi wara ssir laqgħa pubblika ta' nformazzjoni.

03.12 **Konsiderazzjoni ta' skema finanzjarja SPI .SCI.13.2019 - Espressjoni ta' nteress *Clean up the World 2019* u l-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali ir-Rabat. deadline 26.7.19** Inizjattiva Clean Up The World

Il-Kunsill se japplika għal dawn il-fondi u fuq din l-attivita' se jaħdem il-Viċi Sindku. Inqal illi iminentement irid isir tindif fejn il-Knisja ta' Qasgħa u fi Ġnien Bir Iljun. Is-Sindku ssuġġerixxa illi l-pjanti l-ġodda tal-*embellishment* tal-ġnien f'Bir Iljun ikunu esebiti fil-kamra tal-KLR għal min irid jarahom.

**PUNTI OĦRA**

Il-KLR iddeċieda illi jieqaf il-kuntratt tal-latrina pubblika fi Triq Santa Rita u din tingħalaq temporanjament u titwaħħal twissija fuqha li din se tkun magħluqa *'due to unforceen circumstances'* sakemm insibu 'l xi ħadd li joqgħod fil-latrina b'mod kontinwu b'd*irect order*. Latrina Pubblika ta' Triq Santa Rita

Dwar il-latrina tal-Baħrija, din intqal li ma jistax ikun li tibqa' mingħajr provista ta' dawl u l-KLR fehem il-bżonn li tkun installata cctv li tkopri wkoll il-Pjazza minħabba abbuż b'sewqan żejjed u ksuħat minn żgħażagħ. Latrina Pubblika tal-Baħrija

Issemmiet il-blata f'nofs il-wesgħa fi Triq San Trofimu u l-kumpless ta' oqbra li hemm taħtha. F'dan il-punt intqal illi din saret latrina tal-klieb u mhux sew li qed jipparkjaw fuqha. Se nagħmlu kuntatt ma' *Ħeritage Malta* biex possibilment nagħmlu proġett żgħir u fl-istess ħin nitolbuhom jgħinuna. Blata fi Triq San Trofimu

Se tinħareġ Works Order biex naħslu mill-ġdid il-Pjazza tal-Parroċċa u l-isqaqien. Ħasil tal-Pjazza tal-Parroċċa

Kien deċiż li jinżammu korsijiet li jkunu finanzjati mill-KLR fiz-*Zumba u l-Pilates* fil-kumpless edukattiv f'Sant Agatha. Korsijiet għall-pubbliku

Kien deċiż li jitpoġġew żewġt iqsari kbar fi Sqaq 2, Bir ir-Riebu biex isebbħu l-lokalita'. Qsari

03.13 **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.** Tmiem il-laqgħa u data ta' laqgħa oħra

Il-laqgħa ntemmet fit-8.35 u l-Kunsill se jiltaqa' fil-21 t'Awwissu fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 3.7.19 minn | Alexander k/a Sandro Craus |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |